Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,976, 16 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 343 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor in Orchestral Practice (Honours) taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva f'kollaborazzjoni mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7(b) (v) tal-Istatut tal-Iskola u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor in Orchestral Practice (Honours) taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva f'kollaborazzjoni mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Orchestral Practice;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor in Orchestral Practice (Honours);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Bachelor in Orchestral Practice (Honours); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2019 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad.

Verżjoni Elettronika

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. (1) Il-Kors għandu jkun miftuħ għall-applikanti li:

(a) jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università u li għandhom Grad 8 fil-Mużika (Teorija u Prattika) minn bordijiet tal-eżaminaturi rikonoxxuti; jew

(b) għandhom kwalifika li tikkonsisti f'mhux inqas minn 120 krettu ECVET jew ekwivalenti, bi klassifika ta' Livell 4 fuq il-QKM, kif ukoll ikollhom iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad ᵒ jew aħjar fil-Lingwa Ingliża, il-Malti u l-Matematika, u jkunu għaddew bi Grad ᴬ fil-Mużika (Teorija u Prattika) minn bordijiet tal-eżaminaturi rikonoxxuti.

(2) L-applikanti msemmija f'paragrafu (1) ta' dan l-ordinament għandhom jiġu nominati mill-Orkestra Filarmonika ta' Malta, wara proċess ta' għażla għar-reklutaġġ ta' mużiċisti għall-Orkestra taż-Żgħażagħ ta' Malta mwettaq mill-Orkestra Filarmonika ta' Malta.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq medda ta' tliet snin ta' studju *full-time* jew ħames snin ta' studju *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju li għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 krettu ECTS għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux inqas minn tmien xhur qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għat-tibdiliet li l-Bord għandu mnejn, bl-approvazzjoni tas-Senat, ikun kostrett li jagħmel, l-istudenti jintrabtu biex isegwu t-taqsimiet-studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-Grad, sakemm li l-programm ta' studju jkun imfassal skont il-provvedimenti relevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

6. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS, u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li jkunu komplew, ma jkunux temmew il-Kors b'suċċess, għandhom ikunu intitolati għad-Diploma.

Verżjoni Elettronika

7. L-istudenti għandhom ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu l-180 krettu ECTS kif deskritt fil-programm ta' studju għall-Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

8. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-għan tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-rizultati miksuba matul il-Kors, li għandhom jiġu mwieżna kif ġej:

Marka Medja tal-Ewwel Sena	30%
Marka Medja tat-Tieni Sena	30%
Marka Medja tat-Tielet Sena	40%.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-għan tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-taqsimiet studju mitmuma b'suċċess.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet Part-Time

8. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk il-bidliet li raġonevolment jistgħu jitqiesu mill-Bord tal-Istudji bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.